MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 543/2004/1

**Alfred Scicluna fil-kwalita` tieghu ta’ Chairman u ghan-nom ta’ Payzone Cooperative Limited**

**v.**

**Citadel Insurance p.l.c. (C-21550)**

## Il-Qorti:

## Preliminari:

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta’ Lulju, 2004 l-attur nomine ppremetta: illi matul is-sena elfejn u tlieta (2003) is-socjeta` ossija l-

kooperattiva attrici kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni tat-tip Electronic Equipment Insurance Policy bin-numru EEO 12939 mahruga mis-socjeta` konvenuta tramite ta' l-agenti taghha f'dik l-epoka, Laferla Insuarance Agency Limited; illi l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri l-apparat elettroniku tas-socjeta` ossija l-kooperattiva attrici kontra diversi riskji, fosthom maltemp, tempesta u perikli ta' gharar matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2003 u l-1 ta' April 2004; illi fil-15 ta' Settembru 2003 kien sehh maltemp kbir f'Malta u diversi istallazzjonijiet u apparat elettroniku tas-socjeta` ossija l-kooperattiva attrici konsistenti principalment f'numru konsiderovoli ta' "payphones" f'Malta, kienu garrbu hsarat estensivi minhabba raghad qawwi; illi dan l-akkadut u b'mod partikolari, il-hsarat estensivi fil-proprjeta` tas-socjeta` attrici matul l-imsemmi maltemp, kienu gew regolarment notifikati lis-socjeta` konvenuta verbalment u anke fil-25 ta' Settembru 2003, permezz tal-"claim" opportun kif ikkontemplat mill-istess polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija; illi d-danni diretti sofferti mis-socjeta` attrici minhabba dawn il-hsarat kienu jammontaw ghal tmint elef u tnejn u hamsin Lira (Lm8052) kif kien jirrizulta minn Dokument A prezentat mac-citazzjoni; illi in vista ta' l-ezistenza tal-polza fuq imsemmija u l-fatt illi l-akkadut dannuz fuq imsemmi kien riskju kopert taht l-istess polza, is-socjeta` konvenuta kienet obbligata li taghmel tajjeb ghat-telf soffert mis-socjeta` attrici fis-somma ta' tmint elef u tnejn u hamsin lira (Lm8052) salv tnaqqis ta' l-"excess" mhux kopert skond il-polza; illi s-socjeta` ossija l-kooperattiva attrici kienet ghamlet diversi talbiet ghall-hlas lis-socjeta` konvenuta izda s-socjeta` konvenuta kienet qeghda tirrifjuta taccetta li hija kienet obbligata taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici skond il-polza; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara li in vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija mahruga mill-istess socjeta` konvenuta favur l-kooperattiva attrici u in vista wkoll tal-fatt illi l-akkadut dannuz meritu ta' din il-kawza jikkostitwixxi l-verifika tar-riskju kontemplat u kopert taht l-istess polza, l-imsemmi socjeta` konvenuta hija obbligata taghmel tajjeb

ghat-telf soffert mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta’ l-istess akkadut fis-somma msemmija ta’ tmint elef u tnejn u hamsin lira (Lm8052.00) jew somma verjuri stabilita` minn din il-Qorti wara t-tnaqqis ta’ l-”excess” imsemmi fl-istess polza.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-kooperattiva attrici l-istess somma ta’ tmint elef u tnejn u hamsin lira (Lm8052.00) jew somma ohra verjuri li tigi stabilita` minn din il-Qorti in vista u wara t-tnaqqis ta’ l-“excess” illi skond il-polza ta’ assikurazzjoni ma hiex koperta mill-istess polza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji tat-2 ta’ April 2004, tal-14 ta’ April 2004 u tal-14 ta’ Mejju 2004 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fis-26 ta’ Awissu, 2004 is-socjeta` konvenuta eccepiet:
“1. Illi s-socjeta` attrici [*recte:* konvenuta] ma kenitx marbuta li thallas fuq il-polza mertu tal-kawza liema polza kienet ineffettiva u invalida ab initio stante li fuq il-proposta ghall-hrug tal-polza l-assigurat kien naqas li jizvela fatti materjali lill-assikuratur u/jew irrapresenta hazin fatti materjali;

“2. Bla pregudizzju ghas-suespost li s-socjeta` attrici ma kenitx hadet dawk il-prekawzjonijiet li kienet marbuta li tiehu biex timminimizza r-riskji imposti fuq l-assikuratur u ghalhekk l-assikuratur kien ezonerat mill-obbligu tieghu li jaghmel tajjeb ghat-telf riklamat;

“3. Bla pregudizzju ghas-suespost li d-danni reklamati ma kienux koperti mill-polza mertu tal-kawza;

“4. Bla pregudizzju ghas-suespost li mhux id-danni kollha kienu sehhew bhala kagun tal-maltempata tal-15 ta’ Settembru 2003;

“5. Bla pregudizzju ghas-suespost li d-danni reklamati kienu ezagerati u ma kienux jirrizultaw fil-fatt;

“6. Illi t-talbiet attrici kienu kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;

“7 Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet preliminarjament dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta billi b’sentenza tas-26 ta’ April, 2006 ikkonkludiet hekk:
“*Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni ma ghandhiex tinghata kif inghatat [**per via di eccezione]** fis-sens li ma messhiex inghatat bhala eccezzjoni, izda li fuqha s-socjeta` konvenuta setghet agixxiet b’kawza separata. Ghaldaqstant tiffissa terminu ta’ xahrejn lis-socjeta` konvenuta biex tistitwixxi l-kawza appozita.*

*“Spejjez ta’ din il-procedura kontra s-socjeta` konvenuta.*”

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Ikkunsidrat

“**C. PROVI:**

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ Alfred Scicluna li ghan-nom tas-socjeta` attrici ikkonferma li s-socjeta` attrici kienet matul is-sena elfejn u tlieta (2003) koperta b’polza ta’ assikurazzjoni numru EEO 12939 mahruga mis-socjeta` konvenuta, illi kienet tkopri l-apparat elettroniku tas-socjeta` attrici kontra diversi riskji, fosthom maltemp, tempesta u perikli ta’ gharar matul il-perjodu bejn l-1 ta’ April 2003 u l-1 ta’ April 2004; li fil-15 ta’ Settembru 2003 kienet ghamlet maltempata kbira fil-Gzejjer Maltin u apparat elettroniku, proprjeta` tas-socjeta` attrici u konsistenti principalment f’numru ta’ ***payphones*** fil-Gzejjer Maltin, garrbu hsarat estensivi kawzat mir-rghad qawwi.

“Illi dawn il-hsarat kienu gew regolarment denunzjati u notifikati lis-socjeta` konvenuta permezz tal-***claim*** mahsub fil-polza. Id-danni hekk sofferti bhala konsegwenza tal-

hsarat hekk subiti kienu jammontaw ghal tmint elef u tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm8052).

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ Ramon Mizzi ghan-nom tas-socjeta` konvenuta li fiha semma li l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici kienu kontestati fost l-ohrajn ghaliex il-polza premessa hi minghajr effett fil-ligi u dan ghal ragunijiet premessi brevement fin-nota ta’ eccezzjonijiet; Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici kienu kontestati; Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici kienu kontestati billi fil-fatt l-informazzjoni li nghatat fl-***underwriting stage*** dwar il-protezzjoni tal-***payphones*** minn hsarat ikkagunati minn sajjetti, ma kenitx tirrifletti s-sitwazzjoni attwali; Illi l-fatti kif dikjarati fir-raba’ paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici kienu kontestati billi fil-fatt certa dokumentazzjoni essenzjali mitluba mis-socjeta` konvenuta kienet damet biex giet prodotta mill-atturi; Illi l-fatti kif dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici kienu kontestati u dan ghal ragunijiet premessi f’din in-nota ta’ eccezzjonijiet; Illi l-fatti kif dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici kienu kontestati u dan ghal ragunijiet premessi f’din in-nota ta’ eccezzjonijiet u f’din id-dikjarazzjoni; Is-socjeta` konvenuta ma kenitx tenuta taghmel taghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-atturi; Illi l-fatti kif dikjarati fis-seba’ paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici kienu kontestati; ma kienx minnu li ma sar ebda processar attiv tal-***claim*** ghal zmien twil u dan kif ser jigi ppruvat tul is-smiegh tal-kawza. L-ittra msemmija titkellem ghaliha u ghandha tittiehed fil-kuntest tal-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet; Illi fil-fatti kif dikjarati fit-tmien paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma kkostitwewx fatti imma opinjoni ta’ l-atturi. Stante li l-polza ma tiswiex l-allegazzjonijiet ta’ l-atturi fir-rigward tal-hsarat kienu kompletament frivoli u minghajr ebda bazi.

“**D: KUNSIDERAZZJONIJIET FUQ L-EWWEL ECCEZZJONI:**

“L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta tghid hekk:

**"Illi s-socjeta` attrici ma kenitx marbuta li thallas fuq il-polza mertu tal-kawza liema polza hi ineffettiva u invalida ab initio stante li fuq il-proposta ghall-hrug tal-polza l-assigurat naqas li jizvela fatti materjali lill-assikuratur u/jew irrapresenta hazin fatti materjali".**

"Fil-verbal tal-1 ta' Marzu 2006 Dr. Thake iddikjara li hu kien oggezzjona ghall-ewwel eccezzjoni fis-sens li ma messhiex inghatat bhala eccezzjoni izda li fuqha s-socjeta` konvenuta messha agixxiet b'kawza separata. Min-naha tieghu l-konsulent legali ta' l-attur – Dr. John Refalo – sostna li din tista' ssir ***per via di eccezione***.

"Is-socjeta` konvenuta sostniet li kien hemm ***non disclosure of a material fact*** qabel ma harget il-polza ta' l-assikurazzjoni u sekondarjament li l-assikurat ma uzax id-diligenza rikjesta minnu biex jimminimizza l-possibbilta` ta' hsarat. Sostniet li kien hemm diversi nuqqasijiet fis-sistema ta' l-attrici, liema nuqqasijiet laqtu l-bazi tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni nnifsu b'mod li jirrendi l-polza nulla minhabba li l-polza tkun harget abbazi ta' l-informazzjoni moghtija (u hu rrifera ghall-kawzi **Spiteri Angelo vs Citadel Insurance p.l.c**., Appell Civili Inferjuri 28/04/04; **Scicluna vs Fogg**, Prim Awla (JRM) 15/04/04; **Mamo vs Grech**, Prim Awla (TM) 3/10/02. Fil-fehma tieghu dawn il-kawzi jsostnu t-tezi tieghu).

"Is-socjeta` konvenuta sostniet li kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tal-polza mertu tal-kawza kien hemm nuqqasijiet li eskludew kategorikament li l-istess socjeta` attrici adempiet l-obbligi rikjesti minnha mil-ligi u senjatament li tagixxi ***b'utmost good faith (uberrima fidae)*** u li dawn kienu jikkoncernaw informazzjoni erroneja u li ma tirriflettix is-sitwazzjoni attwali moghtija mill-atturi (specjalment dwar il-prezunta protezzjoni ta' ***payphones***), dewmien ingustitifikat fil-produzzjoni ta' certu dokumentazzjoni u nuqqas ta' l-atturi li joffru spjegazzjoni ghaliex il-***payphones*** sofrew hsara.

"Saret referenza mis-socjeta` konvenuta ghal diversi fatti ravvizati permezz tar-rapport dettaljat ta' l-inginier Tua kif jidher a fol 54 u 55 tal-process.

"X'inhuma l-konkluzjonijiet li jwasslu ghalihom ommissjoni jew inezattezza fil-***proposal form***? Dan jirrendi l-polza nulla jew annullabbli fuq talba ta' l-assikuratur? Att null strettament qatt ma ezista jew mill-bidu nett ma setax kien validu bhal jekk tigi uzata skrittura privata ghal cessjoni ta' drittijiet jew bejgh ta' immobbli, u infatti japplika ghalih il-principju ***quod nullum est nullum producit effectum***. Polza li tkun inharget minn assikuratur fuq non disclosure tista' tigi attakkata bhala nulla izda sakemm isir l-attakk b'success ghandha titqies bhala valida u infatti fil-kawza ***Degiorgio vs Agius*** deciza mill-Prim Awla 25/06/62 il-Qorti ddecidiet li jekk id-dettalji jkunu tali li jinfluwixxu l-gudizzju ta' assikuratur prudenti, l-assikuratur ikun jista' jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt u f'dik il-kawza l-Qorti cahdet it-talba ta' l-assikurazzjoni ghall-annullament tal-kuntratt ghax sabet li l-assikuratur kien mexa b'mod li minnu seta' jinduci li kien irrinunzja ghad-dritt tar-rexxissjoni tal-polza. Dan ifisser li nuqqas ta' ***full disclosure*** ma jwassalx necessarjament ghall-inezistenza ta' polza izda biss f'certu kazijiet ghad-dritt ta' l-assikuratur li jitlob ir-rexxissjoni taghha.

"Fil-kawza ***Busuttil vs Taliana*** deciza mill-Prim Awla fis-06/12/02 gie ritenut:
""Kif gie drabi ohra deciz mill-Qrati taghna, il-kliem "ma jkunx jiswa" f'dan l-artikolu (artikolu 974 tal-Kap. 16) m'ghandhomx l-istess sinifikat tal-kliem "ikun null". Jekk il-kunsens ikun vizzjat a termini ta' l-imsemmi artikolu, l-att ikun invalidu imma mhux anke null. Jekk hemm vizzju tal-kunsens, bhala konsegwenza jkun vizzjat il-kuntratt bazat fuq dak il-kunsens, u l-vizzju jaghti lok ghall-azzjoni ta' nullita` li in segwitu ghaliha l-kuntratt ghandu jaqa'. Pero` l-kuntratt ma jkunx inezistenti imma biss annullabbli, ghaliex l-izball, il-vjolenza u l-ghemil doluz, ma jimpedux l-ezistenza tal-kunsens. Mentri l-att null ma ezista qatt, l-att annullabbli jsehh sakem ma jigix imhassar".

"Il-Kap. 16 artikolu 974 ***et sequens*** jirreferi ghal difetti fil-kunsens tal-partijiet u jinghad li:

""Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'ghemil doluz ma jkunx jiswa".

"U ghalhekk fil-kawza fuq citata ***Busuttil vs Taliana***, saret referenza ghall-kliem uzat fit-tarf li "ma jkunx jiswa".

"Min-naha taghhom l-atturi irribattew dwar l-ewwel eccezzjoni u dwar jekk in-nullita` ta' polza ta' assikurazzjoni tistax tigi sollevata permezz ta' eccezzjoni (kif fil-fatt ghamlet is-socjeta` konvenuta) jew tridx necessarjament tigi mqanqla f'kawza prezentata mill-assikuratur b'talba ghall-annullament jew rexxissjoni tal-polza. L-atturi ghamlu distinzjoni fuq in-nuqqasijiet allegati mis-socjeta` konvenuta jwasslux ghan-nullita` tal-polza jew ***invece*** ghall-annullabilita` taghha. Ghamlu distinzjoni dwar il-kelma invalidu u l-kelma null u saret referenza ghall-kawza ***Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lumb*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 1995, fejn il-Qorti ordnat is-soprasessjoni tal-kawza sabiex il-konvenuta tiddeduci quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni relattiva ghall-annullament ta' l-att imsemmi ghax hasset li:

"hija gurisprudenza kostanti, li meta l-kwistjoni hija ta' nullita`, il-konvenut jista' f'kawza jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita` ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni ***ad hoc***."

"Ara f'dan is-sens ***Vassallo vs Caruana Montalto*** 23/10/01, Prim Awla; ***Tabone vs Mifsud***, 15/02/54, Appell Civili Superjuri; u Vol VII p849; Vol XVI PII pt 2; Vol XXVII PII p262; Vol XLIX PII p826.

"Ikkwotaw ukoll il-Baudry-Lacantinerie:

"Per tanto essa genera un' azione di nullita`, in seguito alla quale il contratto dovra` cadere. Il-contratto notiamolo, non e` inesistente, ma soltanto annullabile."

"U in bazi ta' dan l-atturi sostnew li l-allegat nuqqas ta' ***full disclosure*** ma jwassalx ghan-nullita` jew inezistenza tal-polza izda possibbilment ghall-annullament taghha mill-

assikurazzjoni konvenuta, u rriferew ghall-kawzi fuq citati ***Spiteri vs Citadel Insurance***, ***Scicluna vs Fogg Limited***, u ***Mamo vs Grech*** u sostnew li tali sentenzi ma ppronunzjawx ruhhom fuq dan il-punt. Infatti l-atturi ghandhom ragun ghax fi ***Spiteri vs Citadel Insurance*** il-punt ma kienx il-validita` tal-polza izda l-estensjoni tal-kopertura u mhux l-ezistenza ta' l-istess. Ukoll ***Scicluna vs Fogg Limited*** kienet tirrigwarda d-danni u f'dik il-kawza l-assikurat fittex b'success lill-kumpanija assikuratrici.

"Din il-Qorti tirreferi wkoll ghad-distinzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-appell fit-8 ta' Marzu 1948 fil-kawza ***Falzon vs Buhagiar*** fejn irriteniet li dwar nullita` assoluta ma hemmx bzonn ta' azzjoni appozita izda l-Qorti tista' tezamina l-kuntratt anke jekk dan gie sollevat b'eccezzjoni waqt li fil-kaz tan-nullita` relattiva (a distinzjoni tan-nullita` assoluta jew inezistenza) hija necessarja azzjoni appozita biex l-att jigi annullat. Ara wkoll ***Higgins vs Galea***, Prim Awla 13/06/97 u ***Dr. Ganado vs Dr. Mifsud Bonnici,*** Qorti ta' l-appell 04/06/84.

"Is-socjeta` konvenuta sostniet il-validita` ta' l-ewwel eccezzjoni moghtija u kkwotat sentenza tal-Qorti ta' l-appell Superjuri fl-ismijiet ***Sammut vs Middlesea*** deciza fl-14/05/04. Izda hu importanti li wiehed isemmi li f'dik il-kawza ma kienx hemm l-eccezzjoni prezenti ghalkemm dan il-punt issemma fir-rikors ta' l-appell.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-16 ta' Mejju, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza u filwaqt li tideciedi li l-eccezzjoni *de quo* inghatat validament *per via di eccezzione* tirrimetti l-atti tal-kawza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellanti u tkompli bis-smigh tal-kawza skond il-ligi; bl-ispejjez.

L-attur proprio et nomine pprezenta risposta ghall-appell imsemmi fejn talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tas-socjeta` konvenuta jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata.

**L-aggravju tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

Is-socjeta` konvenuta ressqet bazikament aggravju wiehed fir-rigward tas-sentenza appellata fejn fi kliem l-istess rikors jinghad li l-ewwel Qorti interpretat il-ligi applikabbli hazin meta ddecidiet li l-appellanti ma setghetx tqajjem *per via di eccezzione* id-difiza li kienet mehlusa milli tonora l-polza peress li fl-istadju tan-negozjar kien hemm dik li tissejjah "*non-disclosure of a material fact.*"

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni li tifforma mertu ta' dan l-appell tikkoncerna d-dritt tas- socjeta` assikuratrici konvenuta li, fi proceduri istitwiti mill-assikurat biex jigi onorat l-obbligu ta' indenniz kuntrattat in forza ta' polza ta' assikurazzjoni, teccepixxi n-nullita` ta' l-istess polza ta' assikurazzjoni minghajr ma tirrikorri ghall-proceduri *ad hoc* biex tottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li dik il-polza hija nulla. Dan id-dritt tas-socjeta` konvenuta assikuratrici jemani mill-ksur ta' l-obbligu ta' l-assikurat li, fil-*proposal form*, u konsegwentement anke fil-polza, jizvela dawk il-fatti materjali kollha li setghu jwassluha biex tiddeciedi jekk tiehux jew le r-riskju u, fil-kaz affermattiv, li tistabilixxi *premium* adegwat li ghandu jithallas fic-cirkostanzi. Dan in-nuqqas huwa komunement maghruf bhala "*non-disclosure of a material fact*".

Is-socjeta` konvenuta kienet ressqet l-eccezzjoni tan-nullita` tal-polza ta' assikurazzjoni u in sostenn ta' din l-eccezzjoni spjegat hekk fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ta' l-ewwel ta' Frar, 2005: "*skond l-aktar kazistika ricenti n-nullita` 'ab initio' tal-polza derivanti min-nuqqas ta' l-assigurat li jizvela fatti materjal lill-assikuratur u/jew minn rapprezentanzjoni hazina da parti ta' l-assikgurat ta' fatti materjali* *<u>tista' titqajjem f'kawzi bejn l-assigurat u l-kumpannija assikuratrici tieghu, precizament bhal fil-kaz in</u>*

*ezami, ‘per via d’eccezione’ u minghar ma ssir talba separata f’dan is-sens.*” In sostenn ta’ dan l-argument, fir-rikors ta’ l-appell taghha, is-socjeta` konvenuta appellanti taghmel referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Sammut v. Middlesea Insurance plc** deciza fl-14 ta’ Mejju, 2004 fejn, meta dik il-Qorti kienet qed tezamina l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta fis-sens li hija kienet “*ezonerata milli thallas lill-attur minhabba* ***non-disclosure*** *ta’ fatti materjali*” osservat hekk: “*Fir-rigward tat-tieni argument ta’ l-ewwel Qorti jigi rilevat li hawn mhux si tratta ta’ claim ta’ terzi persuni kif kontemplat fil-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn l-istess Ordinanza timponi terminu fuq l-assikurazzjoni biex tistiwixxi proceduri biex tannulla l-kuntratt u ma thallasx lit-terz, izda hawn l-assikurazzjoni qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt taghha li ma tonorax l-obbligi assunti vis-à-vis l-assikurat taghha nnifsu stante li dan kiser il-kondizzjonijiet ghall-hrug ta’ l-istess polza. F’dan is-sens is-sottomissjonijiet fir-risposta ta’ l-attur appellat dwar il-fatt li l-polza ghadha in vigore u dwar rexxissjoni ta’ kuntratti huma irrilevanti*.”

Kien ghalhekk li s-socjeta` assikuratrici konvenuta appellanti talbet ir-revoka tas-sentenza preliminari tas-26 ta’ April, 2006 fejn kien gie deciz li n-nullita` tal-polza ta’ assikurazzjoni ma setghetx tinghata ‘*per via di eccezione*’ izda kellha tigi epurata f’proceduri *ad hoc* u konsegwentement l-istess socjeta` konvenuta inghatat terminu biex tistitwixxi l-kawza appozita.

Is-socjeta` attrici laqghet ghat-talba tas-socjeta` konvenuta billi qed issostni li bl-eccezzjoni kif inghatat il-Prim Awla qed tigi mistiedna tippronunzja ruhha fuq il-validita` tal-polza ta’ assikurazzjoni minghajr ma qeghda tigi formalment taghmel dan; b’mod li l-pronunzjament ikun effettivament *extra petita*.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha a fol. 57 ta’ l-atti, is-socjeta` attrici tghid hekk:
“L-obbligu ta’ full disclosure huwa pekuljari ghall-kuntratt ta’ assikurazzjoni billi tpoggi fuq l-assikurat grad ta’ svelar ferm ghola minn dak impost f’kuntratti ohra.  In-nuqqas ta’

full disclosure jwassal ghal difett fil-kunsens ta' l-assikuratur. Difetti tal-kunsens tal-kontraenti huma regolati mid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 974 *et seq* tal-Kodici Civili fejn huwa provdut *inter alia* illi "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa." Dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi gew ezaminati minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza Busuttil Ian vs Taliana Carmen (deciza fis-6 ta' Dicembru 2002). Gie ritenut illi "*Kif gie drabi ohra deciz mill-Qrati taghna, il-kliem 'ma jkunx jiswa' f'dan l-artikolu m'ghandhomx l-istess sinifikat tal-kliem 'ikun null'. Jekk il-kunsens ikun vizzjat a termini ta' l-imsemmi artikolu l-att ikun invalidu imma mhux anki null. Jekk hemm vizzju tal-kunsens, bhala konsegwenza jkun vizzjat il-kuntratt bazat fuq dak il-kunsens, u l-vizzju jaghti lok ghal azzjoni ta' nullita`, li in segwitu ghaliha l-kuntratt ghandu jaqa'. Pero` l-kuntratt ma jkunx inezistenti imma biss annullabbli, ghaliex l-izball, il-vjolenza u l-eghmil doluz , ma jimpedux l-ezistenza tal-kunsens. Mentri l-att null ma ezista qatt, l-att annullabbli isehh sakemm ma jigix mhassar.*" Similarment fil-kawza Anthony Bajada vs Pauline Lumb deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Dicembru, 1952, gie deciz illi l-kunsens mehud bi vjolenza ma jiswiex – "*dan pero` ma jfissirx li l-obbligazzjoni hija nulla, imma biss li hija invalida. Hija gurisprudenza kostanti li meta l-kwistjoni hija ta' nullita`, il-konvenut f'kawza jista' jghatiha b'eccezzjoni;* ***imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta' annullabilita`, ma tistax tingieb il-quddiem hlief b'azzjoni "ad hoc".*** *F'dan l-ahhar kaz, il-Qorti ghandha tissoprassjendi fil-kawza, u taghti zmien biex tigi dedotta l-azzjoni relativa quddiem il-Qorti kompetenti.*" (fol. 59).

Kif gia` rajna aktar il-fuq l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li din id-difiza ta' nullita` tal-polza ma tistax titqajjem "*per via di eccezzione*" billi rriteniet li dan in-nuqqas ta' l-asskurat jwassal ghal annullabilita` tal-polza u ma jrendix il-polza nulla *ab initio*.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-materja billi jidher li hemm divergenza sostanzjali bejn dak li qed jigi

sottomess mis-socjeta` appellanti u dak li qed jigi ribattut mis-socjeta` attrici appellata. Issa, bhala regola generali insibu li l-Artikolu 1226 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "*L-eccezzjoni ta' nullita` tista', f'kull zmien, tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-kazijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jagixxi ghar-rexissjoni.*" Fuq dan il-principju jidher li huma msejsa s-sentenzi tal-qrati taghna billi huwa dejjem rikonoxxut li meta kuntratt huwa null il-konvenut jista` jehles mill-obbligi hemm allegatament assunti, billi fil-proceduri istitwiti mit-terz, jeccepixxi din in-nullita`. Biss din ir-regola tapplika biss fil-kazi ta' nullita` espressa mil-ligi u mhux f'dawk il-kazi meta, ghal ragunijiet ohra mhux kontemplati fil-ligi, il-kuntratt jista' jigi attakkat.

L-Artikolu 960 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi "kuntratt" bhala "*konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni.*" Tali kuntratt ikun jiswa kemm-il darba jkunu sodisfatti r-rekwiziti essenzjali u cioe` li l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw; li jkun hemm il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruhu; li l-oggett tal-kuntratt tkun haga zgura; u finalment il-kawza ta' l-obbligazzjoni tkun wahda lecita. Jekk xi wahda minn dawn ir-rekwiziti essenzjali tkun nieqsa dak il-kuntratt ghandu jigi kunsidrat "**null**" *ab initio* u hadd ma jista' jippretendi xi drittijiet emanenti mill-istess kuntratt. F'dawn ic-cirkostanzi biss ghalhekk l-eccezzjoni tan-nullita` tista` tigi promossa "*per via di eccezione"* a tenur ta' l-Artikolu 1226 hawn fuq imsemmi.

Issa fil-kaz in ezami qed jigi eccepit li "*is-socjeta` attrici* [recte: konvenuta] *ma hijiex marbuta li thallas fuq il-polza mertu tal-kawza liema polza hi ineffettiva u invalida ab initio stante li fuq il-proposta ghal hrug tal-polza l-assigurat naqas li jzvela fatti materjali lill-assikuratur u/jew irrapresenta hazin fatti materjali.*" Ghalhekk jidher li s-socjeta` konvenuta qed teccepixxi mhux daqstant "in-nullita" tal-polza *per se* izda li dik il-polza ma taghti ebda drittijiet lill-assikurat billi huwa naqas milli jadempixxi l-obbligi tieghu li jizvela dawk il-*fatti materjali* kollha mehtiega biex polza ta' assikurazzjoni tigi validament konkluza. *Inadimplenti non est adimplendum.* Eccezzjoni

simili li giet kunsidrata u akkolta mill-Prim Awla nghatat fil-kawza **Anna Caruana v. Laferla Insurance Agency Limited nomine** deciza fit-22 ta' Frar 2006 fejn gie eccepit "*li ebda kumpens ma huwa dovut lill-attrici ghaliex il-polza li tahtha qeghda titlob kumpens kienet vizzjata minhabba nuqqas ta' "full disclosure" minn naha ta' l-istess attrici…*"

Huwa generalment rikonoxxut li polza ta' assikurazzjoni tirrikjedi element ta' *uberrime fides* u bhala tali l-assikurat huwa tenut li jizvela dawk ic-cirkostanzi kollha li huma mehtiega biex iwasslu lis-socjeta` assikuratrici taghmel valutazzjoni kompleta u tajba tar-riskju assunt. F'kaz li jirrizulta li l-assikurat ma jkunx adempixxa dan l-obbligu, il-kunsens tas-socjeta` assikuratrici jkun vizzjat inkwantu jkun gie moghti bi zball fuq "a misrepresentation of facts" u konsegwentement dik il-polza ma ghandu jkollha ebda validita` u effikacja, billi jkun nieqes wiehed mir-rekwiziti mehtiega ghall-validita` ta' dak il-kuntratt. F'dan il-kuntest l-insenjament fis-sentenza **Sammut v. Middlesea Insurance plc** gia` msemmija ghandu rilevanza billi, fic-cirkostanzi, ma hemm xejn li jzomm lill-assikurazzjoni milli "*tipprevalixxi ruhha mid-dritt taghha li ma tonorax l-obbligi assunti vis-à-vis l-assikurat taghha stante li dan kiser il-kondizzjonijiet ghall-hrug ta' l-istess polza.*" U, f'dan il-kuntest, kif sewwa irriteniet dik il-Qorti fis-sentenza citata, <u>konsiderazzjonijiet dwar jekk il-polza ghadiex in vigore u dwar rexissjoni ta' kuntratti huma irrilevanti</u>. Naturalment din l-eccezzjoni dejjem tirrikjedi indagini akkurata li ghandha ssir mill-ewwel Qorti biex jigi determinat jekk verament kien hemm "*a non disclosure of a material fact.*"

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi milquh u konsegwentement is-sentenza preliminari hawn fuq riportata qed tigi revokata; u ghalhekk din il-Qort qeghda tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex dik il-Qorti tezamina l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta fid-dawl ta' dak li inghad hawn fuq u tiddeciedi jekk verament dak allegat mis-socjeta` konvenuta ghandux mis-sewwa bil-konsegwenzi kollha li dan jimporta.

L-ispejjez, kemm tal-prim istanza, kif ukoll ta’ dan l-appell, minhabba l-komplessita` tal-materja, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------